*Il-Legalizzazzjoni tal-Marijuana*

# Il-Partit tal-Marijuana

*Striking a balance between enthusiasts and skeptics*

# Contents


Part I – **Glossarju** ..... 2

Part II – **L-istat legali tal-Marijuana** ..... 4

Part III – **Il-Marijuana u l-Pubbliku** ..... 4

Part IV – **Hrug tal-Licenzji** *(Regolamenti)* ..... 4

Part V – **Standards ta' Produzzjoni – L-Agrikoltura u l-Manifattura** *(Regolamenti)* ..... 5

Part VI – **Il-Post fejn isiru l-Produzzjoni u l-Bejgh** (regolamenti) ..... 6

Part VII – **Marijuana u l-Kummerc** (*Regolamenti*) ..... 6

Part VIII – **Standards ta' Produzzjoni –Is-Sahha** *(Regolamenti)* ..... 6

Part IX – **Enforcement Action** *(Pieni)* ..... 7

Part X – '***The New Authority'*** (*Awtorita' Regolatorja*) ..... 7

Part XI – **Marijuana u l-edukazzjoni** ..... 8

Part XII – **In-Negozji u S-sigurta'** ..... 8

Part XIII – **Investment Plan** ..... 9

# Part I – **Glossarju**

*'Ligijiet dwar id-drogi'* tirreferi ghal-*'Medical and Kindred Professions Ordinance'* u the *'Dangerous Drugs Ordinance'*.

*'ammont limitat'* tirreferi ghal kwalunkwe sitwazzjoni fejn il-gvern jiddeciedi l-ammont permess li jista' jintuza wara li jittiehdu l-istudji neccessarji.

*'Jaghmlu uzu'* tirreferi ghat-tipjip jew konsum

*'L-Istat Malti'* tirreferi ghal-legislativa u l-gvern.

*'riklami'* tirreferi ghal- TV adds, Facebook adds, Youtube adds, Billboards, radio u posters.

## Part II – **L-istat legali tal-Marijuana**

1) Din ir-rezoluzzjoni ssejjah biex l-istat legali tal-marijuana, kif inhu stabbilit mil-ligijiet dwar id-drogi, tinbidel minn droga pprojbita ghal droga permessa.

## Part III – **Il-Marijuana u l-Pubbliku**

2) Cittadini li huma taht il-wiehed u ghoxrin sena, li minn issa ha jkunu imsejha bhala taht l-eta, huma pprojbiti milli jixtru u jaghmlu uzu mill-marijuana

3) Cittadini mhumiex permessi biex isuqu taht l-effett tal-marijuana.

4) Mhux se jkun permess tipjip tal-marijuana f'postijiet pubblici.

5) Ic-cittadini jistghu jzommu ammont limitat tar-raza tal-marijuana meta majkunux fil-propjeta privata taghhom.

6) Persuni li m'humiex ta' nazzjonalita Maltija li ghal raguni jew ohra jigu f' Malta ghandhom jinghataw dritt ghall-ligi li tillegalizza il-marijuana, bil-beneficcji u r- restrizzjonijiet kollha ta' din l-istess ligi, filwaqt li jkunu soggetti ghall-pieni stabbiliti f' kazijiet ta' ksur ta' din l-ligi.

## Part IV – **Hrug tal-Licenzji** ***(Regolamenti)***

7) Licenzja ghal-kultivazzjoni tal-Marijuana ghall-uzu personali:
    a. L-individwu b'din il-licenzja ghandu permess biex ikabbar ammont limitat biss ta' xtieli tal-Marijuana.

8) Licenzja ghal twaqqif tal- *Marijuana Social Clubs*:
    a. Il-klabb li huwa mqabbad biex jikkultiva l-marijuana ghall-membru tal-klabb ghandu permess li jkabbar ammont limitat ta' xtieli tal-marijuana;
    b. L-ammont limitat ha jkun akbar min-numru limitat li huwa permess ghall-individwu li ghandu l-licenzja biex ikabbar il-marijuana ghall-uzu personali tieghu kif inhu stipulat mill-artiklu 8.

9) Licenzja ghall-kultivazzjoni u manifattura tal-marijuana ghal negozji privati:
    a. Il-Haddiema li huma involuti fil-kultivazzjoni u manifattura tal-marijuana jridu l-ewwel jiehdu t-tahrig necessarju qabel ma jibdew x-xoghol.

10) Licenzja ghall-bejgh tal-Marijuana
    a. Il-marijuana li tinbigh fin-negozju li ghandu din il-licenzja ma tistax titpejjep fil-propjeta tan-negozju.

11) Licenzja ghall-*'coffee shops'*
    a. Negozji li ghandhom din il-licenzja jistghu jbieghu prodotti ohra tal marijuana.

12) Licenzja ghall-uzu tal-marijuana fir-ristoranti.

13) Licenzja ghad-distribuzzjoni tal-marijuana.

14) Il-licenzji se jinhargu minn awtorita' burokratika gdida mahluqa mill-istat Malti li hawnhekk nirreferu ghaliha bhala 'New Authority'.

## Part V – **Standards ta' Produzzjoni – L-Agrikoltura u l-Manifattura** *(Regolamenti)*

15) Politiki bbazati fuq ricerka li saret dan l-ahhar dwar l-ekologija tax-xitla tal-marijuana, ghandha ssir biex nizguraw li l-kultivazzjoni ta' din ix-xitla ma taghmilx hsara lill-ambjent naturali.

16) Kumpaniji privati li permezz tal-licenzja jistghu jkabbru u/jew jimmanifatturaw il-marijuana huma mgieghla jpoggu *'verification stickers'* fuq il-prodotti.

17) Kumpaniji privati u individwi li ghandhom il-licenzja biex ikabbru l-marijuana biex ibieghu fis-suq ghandhom bzonn jigu obbligati biec ikabbru l-*plantations* go *enclosures*.

18) Riklami tal-marijuana huma kompletament projbiti:

a. Il-kumpaniji tal-marijuana ghandhom il-permess biex ikollhom l-*account* taghhom fuq il-medja socjali u jistghu wkoll ikollhom s-siti taghhom.

## Part VI – **Il-Post fejn isiru l-Produzzjoni u l-Bejgh** (regolamenti)

19) In-*'New Authority'*, flimkien mal-Awtorita' tal-Ippjanar u l-Awtorita' tat-Turizmu, huma mitluba biex jidentifikaw *'Marijuana Recreational Zones'* (MRZ). Il-Kumpanijji privati li ghandhom l-licenzji msemmijjin f'artiklu 9, 12 u 13 jistghu joperaw biss fiz-zoni li gew idetifikati bhala MRZ.

20) In-negozji kollha li ghandhom licenzja biex jikkultivaw, ibighu u jiddistrubwixxu ma jistghux ikonnu vicin l-iskejjel, *'community centres'* u *'youth facilities'* li jaqdu zghazagh vulnerabbli.

21) *Vending Machines* tal-marijuana jistghu jinstabu biss gol- *Marijuana Social Clubs*, *Coffee Shops* u hwienet li jbighu l-marijuana.

## Part VII – **Marijuana u l-Kummerc (*Regolamenti*)**

22) L-esportazzjoni u l-importazzjoni tal-marijuana ghandhom bzonn ikunu pprojbiti.

## Part VIII – **Standards ta' Produzzjoni –Is-Sahha** *(Regolamenti)*

23) Il-prodotti tal-Marijuana irid ikollhom ammont specifiku ta' kontenut tat-THC

a. Id-doza ghandha bzonn li tvarja minn prodott ghal iehor.

24) Il-Marijuana irid ikollha ppakkjar specifiku li fuqu jkun hemm informazzjoni dwar il-produttur, il-prodott u ismu, kemm hu qawwi l-prodott u avviz bi twissija dwar il-hsara li jista' jaghmel il-prodott.

## Part IX – **Enforcement Action** *(Pieni)*

Jekk individwu jinqabad jikkultiva l-marijuana għall-użu personali mingħajr liċenza, b'liċenza skaduta u/jew qed jaqbeż il-limitu, il-piena għandha tkun kif ġejja:

a. 'first instance': l-individwu jaqla' multa;

b. 'second instance': l-individwu jaqla' multa oħra iżda din id-darba il-multa tkun għolja aktar.;

c. 'third instance': i. L-individwu jispiċċa jaqla multa oħra filwaqt li titieħidlu l-liċenzja u jkun hemm ċans li jispicca l-ħabs jew b' sentenza sospiża;

ii. Wara li l-indvidwu jkun skonta s-sentenza tiegħu, nemmnu li għandu jingħata ċans ieħor għalhekk l-individwu jkollu ċans fejn jista' jerġa' japplika għall-liċenzja oħra. Nemmnu li la darba il-marijuana tiġi legalizzata se tkun diffiċli li timpedi jew twaqqaf persuna milli tixtriha.

25) Jekk cittadin jinqabad jikkultiva l-marijuana fuq skala kbira, jittiehdu passi kontrih skont il-ligi tad-drogi u jkun hemm il-penalità mehtiega.

26) Cittadini jew negozji privati li jinqabdu f'xi involviment ta' xi ghemil li jisvija mir-regolamenti, taxi jew standards, jitressqu l-qorti ghal process gudizzjarju.

27) Cittadini u kumpaniji private li jinqabdu jesportaw marijuana jkunu akkuzati bi traffikar ta' drogi.

28) Cittadin jew xi negozju privatt li jinqabad ibiegh id-droga lil xi minuri jrid ikun ikkastigat b'mod ahrax.

29) In-*'New Authority'* se tkun qeghdha tieghu azzjoni jekk n-negozzji ma jimxux mar-regolamenti fuq il-post fejn se ssir il-bejgh tal-marijuana, l-i*standards* fuq s-sahha u l-kultivazzjoni u manifattura tal-marijuana.

## Part X – '***The New Authority'*** (*Awtorita' Regolatorja*)

30) Meta l-istat legali tal-marijuana jinbidel kif inhu stipulat f'artiklu 1 u r-regolamenti tas-settur tal-marijuana huma mfassla mill-Istat Malti. Din ir-

rezoluzzjoni jheggeg ghat-twaqqif ta' awtorita gdida li se tkun qeghdha timplementa r-regolamenti msemmija din ir-rezoluzzjoni.

31) In-'*New Authority' hija obbligata biex tahdem id f'id ma' awtoritajiet rispettivi li jispecjalizzaw fil-qasam li se jkun regolat.*

## Part XI – **Marijuana u l-edukazzjoni**

32) Licenzja ghar-ricerka u l-izvilupp bl-ghann biex jittiehdu ricerki fuq ix-xitla tal-marijuana u/jew biex jitejbu l-prodattivita u l-efficenzja tas-settur tal-marijuana.
   a. Il-kriterji biex individwu u/jew kumpanija u/jew entitajiet tal-edukazzjoni japplikaw ghall-licenzja ma ghandhomx bzonn l ikunu rigidi.

33) Ghandhom bzonn li jitwaqqfu korsijiet fl-MCAST, l-Universita u l-ITS biex ikun hemm haddiema li huma kwalifikatija fl-industrija tal-marijuana.

34) Din ir-rezoluzzjoni theggeg lill-gvern biex meta l-marijuana tigi legalizata f'pajjizni hemm bzonn biex ikun hemm iktar edukazzjoni fuq l-uzu ta' din d-droga biex tigi uzata b'mod responsabbli.

## Part XII – **In-Negozji u S-sigurta'**

35) Din ir-rezoluzzjoni tifhem li l-uzu tal-marijuana jista jkun kemm ghall-bzonnijiet medici kif ukoll ghar-rikreazzjoni. Ghalhekk theggeg lill-gvern biex, diment li l- marijuana tigi llegalizzata ukoll ghal uzu rikreattiv:

- Jitwaqfu centri tal-informazzjoni biex ikun hemm iktar edukazzjoni fuq l-uzu ta' din d- droga halli jigi assigurat li l-marijuana tigi uzata b'mod responsabbli.
- Dawn l-istess centri tal-informazzjoni ghandhom jkollhom access ghal-specjalisiti f'dan il-qasam biex jgharfu u jghinu persuni li jaqghu fil-vizzju tal-uzu tal-marijuana; u skond il-gravita' tal-kaz, ikunu jistghu jirreferuhom ghall-programmi ta' riabilitazzjoni.

- Issir kampanja ghal-uzu responsabbli minn dawn l-istess centri fejn anke jaghmlu work shops u sezzjonijiet ta' informazzjoni fl-iskejjel post-sekondarji u dawk terzjarji, kif ukoll fic-centru civiku ta' kull lokalita' biex b'hekk tintlahhaq l-iktar massa ta'nies possibli.

## Part XIII – *'Investment Plan'*

35 ) Nemmnu li t-taxxa fuq is-settur tal-marijuana għandha tkun taxxa simili bħal dik tas-sigaretti f' Malta jew f' każ li tintuża għal skop mediċinali għandha jkollha l- istess rata ta' taxxa bħal ta' mediċini oħra.
Filwaqt li nemmnu li t-taxxa tal- marijuana ma għandiex isservi bħala ċiklu fis- settur stess imma tiġi utilizzata għal bżonnijiet tal-pajjiż